**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 46 – IT-TNEJN, 1 TA’ ĠUNJU 2015 FIS-6.00PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 45**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 40**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2014**

3.1 Ġew diskussi l-Financial Statements 2014 flimkien mal-Audit Adjustment mill-Awdituri. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati dawn il-Financial Statements. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Korrispondenza**

4.1 Ġiet innutata risposta minn resident rigward il-bżonn ta' Ċentru tas-Saħħa f'San Ġwann. Għandha tintbagħat risposta li din it-talba ġiet mgħoddija lid-Dipartment tas-Saħħa.

4.2 Ġiet innutata talba għal litter bin fi Triq San Mikiel peress li fetaħ ħanut Take Away u qiegħed ikun hemm ħafna litter mal-art. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lil dan il-ħanut u Take Aways oħra biex ikollhom litter bin huma barra l-ħanut tagħhom.

4.3 Kien hemm diskussjoni rigward ittra minn residenti ta' Triq il-Kampanella rigward il-problemi ta' storbju, skart u pparkjar illegali li qed ikun hemm minn dawk li jagħmlu użu mill-faċilitajiet tal-ground tal-futball. Ġie deċiż li ssir laqgħa ma' dawn ir-residenti flimkien mal-Pulizija, Reġjun u Rappreżentanti tal-Klabb tal-Futball.

4.4 Ġiet innutata talba minn kumpanija biex dawn jipprovdu faċilitajiet biex jinġabru materjal tal-plastic għar-reċiklar. Ġie deċiż li ssir laqgħa ma' din il-kumpanija.

4.5 Ġiet innutata ittra ta' ringrazzjament mill-Kappillan għax-xoghol li l-Kunsill għamel fuq il-globi li jinsabu quddiem il-Knisja.

4.6 Ġiet innutata ittra minn resident fejn qed jilmenta fuq xi toroq li jkunu mblukkati. Għandha ssir follow up fuq din.

4.7 Kien hemm diskussjoni fuq l-istima tal-Perit biex tiġi resurfaced Triq il-Fikus. Ġie deċiż li tinġabar stima mill-kuntrattur għal major patching.

4.8 Kien hemm diskussjoni rigward talba minn resident biex issir No Parking quddiem il-bieb tiegħu biex ikun jista' joħroġ ir-rota tiegħu mid-dar. Ġie deċiż li nirreferuh lit-TM peress li din it-triq hija triq arterjali.

**5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

.

5.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fis-16 ta' Ġunju hemm is-smiegħ tal-appell tat-tenders tal-knis.

5.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Evaluation Report tal-Perit fuq l-offerti għat-tender tal-ġbir ta' skart domestiku wasal u għandu jiġi diskuss fl-laqgħa oħra. Hu għandu jitkellem mal-Perit biex jiċċara xi punti.

5.3 Kien hemm diskussjoni fuq il-Proġett ta' Ġnien Karin Grech. Għandha ssir talba għal-laqgħa lill-Ministru Joe Mizzi biex jiġi diskuss l-progress ta' dan il-proġett.

Is-Sur Bonello Du Puis skuża ruħu mil-laqgħa fis-6.45pm.

5.4 Kien hemm diskussjoni rigward proposta minn kumpanija ECCO biex dawn jieħdu ħsieb soft area fi Triq Bellavista u jagħmlu reklami fiha. Ġie deċiż li tintalab pjanta tal-proposta tagħhom.

Is-Sur Bonello Du Puis reġa' daħal għal-laqgħa fis-6.50pm.

5.5 Kien hemm diskussjoni fuq ittra minn resident minn Triq Ta' Żwejt rigward sewqan eċċessiv u l-kwantità kbira ta' traffiku li jgħaddi minn Triq Ta' Żwejt u Sqaq il-Qasbi. Ġie deċiż li ssir talba lil TM għal parir fuq din is-sitwazzjoni.

5.6 Ġie deċiż li tiġi ffinanzjata l-applikazzjoni tal-ECO skola għall-iskola ta' San Ġwann. L-ammont hu ta' 15-il Ewro.

Is-Sur Trevor Fenech Skuza ruħu mil-laqgha fis-7.00pm.

**6 Attivitajiet Jum San Ġwann**

6.1 Kien hemm diskussjoni fuq l-attivitajet ta' Jum San Ġwann. Fl-14 ta' Ġunju ser ikun hemm parata taż-żwiemel li jitilqu minn quddiem il-Kappella tal-

Mensija, tberik taż-żwiemel u pets fejn Misraħ Patri Donat Spiteri u ftuħ uffiċjali tal-istess misraħ. Jiġu ppreżentati tokens lil dawk li jkollhom il-pets għat-tberik.

6.2 Fit-23 ta' Ġunju ser ikun hemm il-Quddiesa, il-preżentazzjoni ta' Mertu San Ġwann lill-Patrijiet ulied San Ġwann, kif ukoll preżentazzjoni ta' mementos lill-Patrijiet li qed iservu fil-Parroċċa, Prezentazzjoni ta' ktieb lil Kappillan bhala tifkira u Bibita fiċ-Ċentru Parrokkjali. Wara ssir parata mill-iScouts ta' San Ġwann u l-ħruq tal-Ħuġġieġa f'Misraħ Lourdes.

6.3 Fit-28 ta' Ġunju għandha ssir wirja ta' karozzi fi Triq il-Kampanella flimkien ma' wirja ta' Krafts. Għandhom jiġu ppreżentati tokens lil dawk li jieħdu sehem fil-wirja tal-karozzi. Preżenti wkoll ser ikun hemm promozzjoni biex jittiekel aktar ħut frisk.

**7 Affarjiet Oħra**

7.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq ix-xogħol li l-Kunsill qed jieħu meta jsir permess bil-wardens fejn il-Kunsill qed jieħu ħafna xogħol. Kien hemm qbil li ssir talba għal-laqgħa mal-Guard and Warden Service House biex isir ftehim magħhom għal kumpens għall-ispejjeż li l-Kunsill qed ikollu biex jagħmel il-bookings tal-Wardens. Il-Kunsill għandu jikkonsidra li ma jibqax joffri dan is-servizz jekk il-Kumpanija tirrifjuta din it-talba ġħal kumpens. Is-Sur Cassar ġab għall-attenzjoni li l-permessi għal inġenji għolew.

7.2 Kien hemm diskussjoni fuq ir-rotta li għandu jieħu l-container tal-Lidl. Ġie deċiż li għandu jsir kkomunikat biex dan jidħol minn Triq l-Iskola u jgħaddi għal Triq it-Tulipan qabel ma' jidħol għal Triq il-Kappella u Triq il-Lunzjata.

7.3 Ġie deċiż li tinbidel il-bollard minn Triq is-Sorijiet Frangiskani peress li din ġarrbet il-ħsarat u jsiru żewġ bollards ġodda fi Triq San Ġwann tal-Għorgħar fejn il-Kappella.

7.4 Ġie deċiż li ssir applikazzjoni għal Finanzjarment ta' Restawr għall-Kappella ta' San Ġwann tal-Għorgħar.

7.5 Kien hemm diskussjoni fuq ir-reserved parking fi Triq l-Iskola quddiem l-entratura tal-iskola. Ġie deċiż li niktbu lil Transport Malta.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgha fis-7.30pm.

7.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Joan Farrugia reġgħet ingħatat il-kariga tal-Edukazzjoni.

7.7 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li nsteraq nofs pallet madum mis-site fejn qed isir xogħol f'Misrah Patri Donat Spiteri.

**8 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fis-7.35pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn,15 ta' Ġunju 2015 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |